MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 530/2003

**John Mary sive Jimmy Gatt**

**vs**

**Franz Josef Degenhardt u b'digriet tas-17 ta' Frar tas-sena 2004 gie nominat Dr. Leslie Cuschieri bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Franz Josef Degenhardt.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni kawzati minnu

meta, fid-19 ta' Awissu tas-sena 2003 waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAL – 301 fi Triq il-Kampanjol, Maghtab, b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti applikabbli da parti tieghu, investa lill-attur meta dan kien qieghed isuq serkin migbud miz-ziemel "Manoire Dore", f'liema incident l-istess serkin tkisser irrimedjabilment u l-imsemmi ziemel gie mwagga' gravament;

2. Illi ghall-finijiet ta' kompetanza, jigi dikjarat li d-danni pretizi mill-attur ma jeccedux hamest elef Lira Maltija, (LM5,000.00,0);

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-tmienja u ghoxrin ta' Awissu tas-sena 2003 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorji intavolati fis-sittax ta' Ottubru tas-sena 2003 f'din il-Qorti kontra tieghu u gie debitament ingunt sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet taghha datat is-17 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz tieghu gie mahtur bhala kuratur deputat Dr. Leslie Cuschieri sabiex jirraprezenta lill-konvenut Franz Josef Degenhardt fl-atti ta' l-avviz odjern u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmi kuratur deputat datata t-30 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi b'digriet tas-17 ta' Frar tas-sena 2004 huwa gie nominat biex jirraprezenta lill-assenti Franz Josef Degenhardt f'din il-kawza;

2. Illi huwa m'ghandu ebda nformazzjoni dwar kif jista' jigi kkomunikat l-istess Degenhardt, jew xi persuna ohra li jista' jkollha kuntatt mieghu;

3. Illi ghalhekk huwa baqa' mhux edott mill-fatti tal-kaz, u jirrizerva li jekk ikun il-kaz jintavola eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Illi fuq il-mertu, l-attur ghandu ta’ l-inqas jipprova il-htija tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-kuratur deputat fuq indikat datata s-27 t’Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha:

1. Esebixxa korrispondenza mibghuta lilu in rigward tal-konvenut;

2. Informa lill-qorti li ma rnexxilux jottjeni mezz biex jikkomunika ma' Franz Josef Degendardt li huwa qed jirrapprezenta;

3. Illi ghaldaqstant ma ghandux provi x’iressaq fir-rigward;

Rat ukoll il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenut datat is-17 ta’ Novembru tas-sena 2004 fejn iddikjara li m’gahndux aktar provi x’jipproduci;

Rat finalment il-verbal kongunt tal-partijiet datat ukoll is-17 ta’ Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu talbu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza u ghalhekk kienu qed jistriehu fuq il-fatti kif esposti;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur kien il-proprjetarju taz-ziemel “Manoire Dore” li kien mixtri minn Franza u kien jintuza ghat-tlielaq;

2. Illi ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar tad-19 t'Awissu tas-sena 2003, waqt li l-attur kien qed isuq bis-serkin l-imsemmi ziemel fi Triq il-Kampanjol, bejn Bahar ic-Caghaq u l-Maghtab, gie l-konvenut Degenhardt isuq b'velocita' sostenuta l-vettura tal-marka Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni EAL – 301 u baqa' diehel fuqu;

3. Illi rizultat ta' dan l-attur spicca ma' l-art biz-zmiemel l-ewwel jaqa' mal-art u wara jahrab;

4. Illi s-serkin tkisser kompletament kif jidher a fol 21;

5. Illi l-konvenut Degenhardt ma jirrizultax li waqaf wara l-incident izda harab minn fuq il-post u halla l-vettura li kien qed isuq mohbija that sigra;

6. Illi kien ovvju li l-istess vettura hekk misjuba mill-attur kienet dik l-istess wahda involuta fl-incident in dizamina stante li kellha l-marki tal-kollizjoni fuqha;

7. Illi ghalkemm wara li rega' imqabbad iz-ziemel saru diversi attentati biex ifejqulu l-griehi li kien sofra bhala konsegwenza diretta ta' l-incident de quo, izda dan jirrizulta li kien inutili u konsegwentement gie maqtul, (ara fol 44);

8. Illi d-danni komplessivament ammontabbli ghal tlett elef u erba' mitt Lira maltin, (LM3,400.00,0), rikjamati mill-attur, (ara fol 19), huma debitament ipprovati u regolarment dokumentati skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzonijiet sollevati takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenut Franz Josef Degenhardt unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar tad-19 t'Awissu tas-sena 2003 peress li

b'negligenza, traskuragni, ta' imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku investa lill-attur John Mary sive Jimmy Gatt waqt li dan kien qed isuq iz-ziemel tieghu “Manoire Dore”;

2. Tillikwida d-danni komplessivament sofferit mill-attur fl-ammont ta' tlett elef u erba' mitt Lira Maltin, (LM3,400.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Franz Josef Degenhardt biex ihallas lill-attur John Mary sive Jimmy Gatt l-ammont ta' tlett elef u erba' mitt Lira Maltin, (LM3.400.00,0), hekk likwidati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sknd il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------